MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2011

Numru. 535/2007

**IL-PULIZIJA
SPETTUR DENNIS THEUMA**

**KONTRA**

**JONATHAN CASSAR ta' 22 sena, iben Lewis u Josephine nee' Mifsud, imwieled Tal-Pieta' nhar it-08.07.1988, residenti fil-fond Flat 2A, Hilltop Court, Triq tas-Sliema, Marsascala, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 322684M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **JONATHAN CASSAR** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-20 ta' Gunju, 2007 u fis-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess

disposizzjonijiet tal-Ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

Biegh jew xort'ohra ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta cannabis, jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jamminifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut mir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar meta kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jamminfattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti

msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar meta kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha.

Rat li fl-interrogatorju l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat ukoll l-Ordni mibghuta mill-Avukat Generali u l-Kontro Ordni taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-provi kollha.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza nstabu fil-pussess ta' l-imputat diversi droga u oggetti relatati ma' l-uzu taghha kif ukoll varji ammonti ta' flus.

Illi fil-fatt id-divergenza bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza kienet jekk primarjament id-droga misjuba kinitx ghall-uzu esklussiv ta' l-imputat jew le. Oltre dan u konsegwenti ghall-istess, kien hemm kontestazzjoni ohra jekk il-flus misjuba ghand l-istess imputat kienux provenjenti minn hekk.

Rat fl-ewwel lok iz-zewg relazzjonijiet ta' l-espert Godwin Sammut, Dok GS(folio 55) u Dok GS1. L-espert imsemmi kkonkluda li:

*'Illi fuq estratt mehud mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 431-07-03 instabet is-sustanza kokaina. Il-piz tat-trab kien ta' 1.02grammi u l-purita' kienet ta' circa 13%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.'*

Qal ukoll l-istess espert illi l-valur tar-raza tal-cannabis huwa ta’ €1,361.82 fil-minimu jew €2,723.64 fil-massimu. Fil-konfront tad-droga kokaina, il-minimu kien ta’ €71.40 u l-massimu ta’ €105.06.

Senjali ghad-determinazzjoni tal-kwistjoni in ezami hija x-xhieda tal-pulizja li ghamlu t-tfittxija fil-proprjeta’ ta’ l-imputat.

Ghalhekk PC 213 Nicholas Borg xehed illi fl-20 ta’ Gunju kienu waqqfu lil Jonathan Cassar, l-imputat, gewwa bar jismu Vancouver gewwa Wied il-Ghajn. Wara tfittxija hemm sabu kaxxa ta’ l-injam li go fiha kellha xi flus u borza bi trab abjad. Marru l-flat tieghu u hemm komplew bit-tftittxija. Hawn instabet, u dan anke fuq indikazzjoni ta’ l-istess imputat, fuq il-fridge kaxxa taz-zraben li go fiha kien hemm sustanza suspettata resin tal-cannabis imgezwra go foil. Anke hawn kien hemm ammont ta’ flus. Wara tfittxija gol-cooker, instabet blokka gdida, ghadha ssiggilata, hemm mohbija. Instabet ukoll sikkina mahruqa kif ukoll ammont zghir ta’ zerriegha u xi pipi uzati. Xehed li dawn gew elevati kollha mill-Forensika.

PC 1319 Matthew Xuereb xehed ukoll dwar it-tfittxija fil-bar Vancouver. Xehed ukoll dwar is-sejbien ta’ kaxxa fil-bar li kienet imsakkra (l-kaxxa) li fiha kellha ammont ta’ flus zghar u trab abjad suspettat kokaina. Saret tfittxija fir-residenza tieghu, hemm l-imputat indikalhom kaxxa taz-zraben fuq il-fridge, fiha kien hemm ammont suspettat resin tal-cannabis imgezwer go foil u wkoll ammont ta’ flus. Sabu wkoll gol-forn bicca blokka suspettata resina tal-cannabis, din kienet ghadha ssigillata. Mill-kamra tas-sodda nstabet ukoll ammont ta’ zerriegha suspettata tal-qaneb u pipi uzati.

PC 186 Kristian Mintoff ezebixxa relazzjoni tieghu kontenenti ritratti ta’ dak kollu elevat kif hawn fuq premess – Dok CM folio 133.

Issa harsa lejn dawn ir-ritratti juru wkoll li mill-fondijiet fejn saru dawn it-tfittxijiet gew elevati wkoll booklet u karti minn

pitazz u booklet li fuqhom kellhom diversi ismijiet u laqmijiet ripetuti u numru u ammonti ta' flus ma' genbhom. Illi ghal dawn il-kotba saret ampja referenza mill-Ispettur Dennis Theuma. Dawn il-booklets u karti gew ezebiti mill-istess Spettur bhala Dok DT2.

Dwar dan in-note books u karti u t-tahziz li hemm fuqhom gie mistoqsi fit-tul fiz-zewg stqarrijiet l-imputat.

Ghalhekk fl-ewwel stqarrija, Dok JC folio 13, ammetta li 34 bicca sustanza lewn kannella mremblin gol-foil kienu sustanza cannabis. Ammetta li l-erba' bicciet sustanza lewn kannella wkoll imremblin gol-foil huma raza tal-pjanta cannabis. Ammetta wkoll li s-sapuna (sustanza lewn kannella) gol-plastic mohbija fil-cooker, kienet fil-fatt blokka tar-raza tal-cannabis. Ammetta wkoll li l-iskieken misjuba kien juzahom anke biex iqatta' l-bicciet tar-raza tal-cannabis.

Qal lit-38 bicca raza tal-cannabis bil-piz totali ta' circa 222 grammi, u s-sapuna bil-piz ta' circa 252 grammi kienu biex ipejjep minnhom hu, stante li kkalkula li kien ipejjep madwar sitt joints kuljum. Zied illi dan l-ammont kollu ta' raza kien iservieh sena.

Qal li qaghad jaqsam ir-raza f'bicciet (34 bicca) indaqs biex isibhom handy u meta johrog ma jgorrx hafna. Dwar il-bicciet aktar maqtughin hoxnin, qal li dawn kienu gew minn tarf ta' sapuna ohra. Innega li hu qatt nehha (ta lil haddiehor) xi bicca minn dawn is-sapunijiet.

Ammetta wkoll li dak elevat minn gol-bar bl-isem Vancouver, cioe' qartas ta' trab abjad, huwa droga kokaina. Pero ma kien jaf jirrispondi xejn dwar iz-zerriegha tal-qaneb misjuba fil-gwardarobba tieghu fil-flat tieghu.

Ammetta wkoll li n-notebook bil-cover isfar kien tieghu. Kif kien id-dritt tieghu ma wegibx dwar ismijiet u n-numri miktuba hdejhom fuq l-istess notebook. Dan anke in partikolari ghall-kelma 'bicciet' hemm miktuba.

Mistoqsi kemm hallas ghas-sapuna misjuba wiegeb Lm450.00, pero zied illi ma xtrahiex biex ibieghha.

Qal illi ma kienx jiehu relief ghax kien ser jiftah il-hanut Vancouver (bar).

Spjega li minghand il-bank HSBC kien iddejjen Lm2,000.00 ghall-hanut, Lm1,000.00 biex jimlieh, Lm1,000.00 fil-but. Ghalhekk qal illi Lm400.00 li kienu nstabu kineu parti minn dawk Lm1,000.00 li kien issellef mill-bank. Qal li din il-loan kienet mahruga fuq l-gharusa tieghu Jeanette Mamo. Mistoqsi jekk kienx uza Lm900.00 biex jixtri zewg sapuniet, raza cannabis ghall-uzu personali tieghu, ghazel li ma jwegibx. Ghazel ukoll illi ma jwegibx ghad-domanda dwar dak li kein hemm imnizzel fuq il-pitazz ahdar, u n-notebook orange bl-isfar, cioe' ismijiet u hdejhom in-numri. Ghazel illi ma jwegibx ghall-mistoqsija kienx ikabbar fniek. Qabel li hu kien ibiegh kaxxi tal-Heineken.

Fit-tieni stqarrija, Dok JC1, folio 46, rega' ghazel li ma jwegibx fuq it-tkabbir ta' fniek. Mistoqsi ghall-kliem fuq il-pitazzi bhala kelma 'pieces', u 'bicciet', ghazel li ma jwegibx. Ghas-suggeriment li r-raza misjuba ghandu, bhala ammont, konsiderando kemm iddikkjara li kien ipejjep kuljum, kienet ser isservieh izjed minn sena, anke hawn ghazel li ma jwegibx.

Rat ukoll ghalhekk barra dawn in-notebooks imsemmija Dok DT1, ir-relazzjoni ta' l-espert Martin Bajada Dok MB – messaggi, specjalment folio 105, 116, u 114 fejn hawn wiehed isib referenzi ghall-fniek u dawk li tinhasel bihom fost l-ohrajn.

Rat ukoll ix-xhieda ta' Adurey Ghigo dwar il-kontijiet li l-imputat ghandu mall-bank HSBC. Jirrizulta fil-fatt illi l-imputat kellu erba' loan accounts u current account li kienu kollha in debit. Dwar dan wiehed jista' jara wkoll ir-relazzjoni ta' Dr Anthony Cutajar Dok AC folio 8 ta' l-istess.

Rat ukoll is-Social Inquiry Report redatt mill-Ufficjal tal-Probsation, Dok MA, pjuttost pozittiv fil-konfront ta' l-imputat u cioe' li jirrikonoxxi li zbalja dwar l-abbuz tieghu tad-droga u li jixtieq jibni futur mat-tfajla tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi l-kwistjoni kollha hawn si tratta jekk id-droga misjuba ghand l-imputat kinitx biss ghall-uzu esklussiv tieghu (fatt dan rizultanti u anness fl-istqarrijiet), jew kellhiex l-aggravju li allura nstabet f'cirkostanzi li juru li l-uzu ma kienx biss u esklussivament biss ghall-imputat.

Ghalhekk in ezami ta' dan, il-Qorti bil-fors trid tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi li fihom instabet id-droga.

L-imputat insista li l-ammont ta' droga misjuba ghandu kien ghall-uzu esklussiv tieghu – dan pero ma jispjegax l-ammont ta' droga misjuba, aktar u aktar is-sapuna misjuba. Anke huwa ndikattiv ta' l-intenzjoni u l-modus operandi ta' l-imputat il-fatt illi d-droga kienet gia' maqsuma f'bicciet (34) ghall-konvenjenza biex isibhom kif qal l-imputat 'handy'. Indikattiv ukoll tal-modus operandi l-fatt li ghand l-imputat instabu anke note books bin-numri u ismijiet, u senjalament il-kelma 'bicciet'. L-istess kliem anke 'pieces', instab fuq varji pitazzi. L-ammont ta' raza huwa wkoll indikattiv ta' l-operat tieghu. Hemm ukoll referenzi ghal xiri ta' fniek u dawk li tinhasel bihom, ghalhekk fil-kamp in kwistjoni sapun. Dan kollu kif gia' premess jirrizulta anke mill-messaggi fid-Dok MB.

Ghaldaqstant, tenut dan kollu premess, din il-Qorti qieghda ssib htija wara li rat l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, GN 292.1939, kif ukoll id-Disposizzjonijiet 4 u 6 tat-Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja ta' sentejn u nofs, u kif ukoll multa ta' €5,000;

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lill-imputat ghall-hlas tal-ispejjez peritali ta' €2249.23

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga ezebita, gia' mmarkata bhala Dok KB310.2007

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------